SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

10 ta' Mejju 2015 *

"Dritt istituzzjonali — Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej — Politika ta' koeżjoni — Reġjuni b'minoranza nazzjonali — Rifjut ta' reġistrazzjoni — Nuqqas manifest ta' attribuzzjonijiet tal-Kummissjoni — Artikolu 4(2)(b) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011"

Fil-Kawża T-529/13,

**Balázs-Árpád Izsák**, residenti f'Târgu Mureş (ir-Rumanija),

**Attila Dabis**, residenti f'Budapest (l-Ungerija),

inizjalment irrappreżentati minn J. Tordán dr. Petneházy, sussegwentement minn D. Sobor, avukati,

rikorrenti,

sostnuti minn

**L-Ungerija**, irrappreżentata minn M. Fehér, G. Szima u G. Koós, bħala aġenti,

intervenjenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, inizjalment irrappreżentata minn H. Krämer, K. Talabér-Ritz, A. Steiblytė u P. Hetsch, sussegwentement minn K. Talabér-Ritz, K. Banks, H. Krämer u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

**Ir-Repubblika Ellenika**, irrappreżentata minn E.-M. Mamouna, bħala aġent,

**Ir-Rumanija**, irrappreżentata minn R. Radu, R. Haţieganu, D. Bulancea u M. Bejenar, bħala aġenti,

**Ir-Repubblika Slovakka**, irrappreżentata minn B. Ricziová, bħala aġent,

intervenjenti,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 4975 finali, tal-25 ta' Lulju 2013, li tirrifjuta li tirreġistra l-proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini tar-rikorrenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

komposta minn H. Kanninen, President, I. Pelikánová (Relatur) u E. Buttigieg, Imħallfin,

Reġistratur: S. Bukšek Tomac, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tal-15 ta' Diċembru 2015,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

## Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fit-18 ta' Ġunju 2013, ir-rikorrenti, Balázs-Árpád Izsák u Attila Dabis, flimkien ma' ħames persuni oħra, ippreżentaw lill-Kummissjoni Ewropea proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini (iktar 'il quddiem il-"proposta kontenzjuża"), intitolata "Politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza tar-reġjuni u tas-sostenibbiltá tal-kulturi reġjonali" (Cohesion policy for the equality of the regions and sustainability of the regional cultures), konformement mal-Artikolu 11(4) TUE u mar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 2011, dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65, p. 1).

2 Fir-reġistru li tqiegħed onlajn mill-Kummissjoni għal dan il-għan (iktar 'il quddiem ir-"reġistru"), ir-rikorrenti pprovdew, konformement mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 211/2011, l-informazzjoni minima deskritta fl-Anness II ta' dan l-istess regolament (iktar 'il quddiem l-"informazzjoni rikjesta"), b'mod partikolari fir-rigward tal-ispjegazzjoni sommarju tas-suġġett u l-għanijiet tal-proposta kontenzjuża.

3 Mill-informazzjoni pprovduta mir-rikorrenti fir-rigward tal-informazzjoni rikjesta jirriżulta li l-proposta kontenzjuża kienet intiża sabiex il-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni Ewropea tagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni li l-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi tagħhom huma differenti minn dawk tar-reġjuni tal-madwar. Għal dawn ir-reġjuni, inklużi żoni ġeografiċi mingħajr strutturi li għandhom kompetenzi amministrattivi, il-prevenzjoni ta' kwalunkwe diverġenza jew ta' kwalunkwe ritard fl-iżvilupp ekonomiku mqabbla mar-reġjuni tal-madwar, l-għajnuna għall-iżvilupp ekonomiku u l-preservazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-koeżjoni ekonomika, soċjali territorjali għandhom ikunu żgurati b'tali mod li l-karatteristiċi tagħhom jibqgħu mhux mibdula. Għal dan, dawn ir-reġjuni għandu jkollhom l-istess opportunitajiet ta' aċċess għall-fondi differenti tal-Unjoni u l-preservazzjoni tal-karatteristiċi tagħhom kif ukoll żvilupp ekonomiku xierqa għandu jkun iggarantit lilhom, b'tali mod li l-iżvilupp tal-Unjoni jista' jkun sostenibbli u li d-diversità kulturali ta' din l-aħħar tista' tkun ippreservata.

4 Mehmuża mal-informazzjoni pprovduta bħala informazzjoni rikjesta, ir-rikorrenti hemżu, konformement mal-Anness II tar-Regolament Nru 211/2011, informazzjoni iktar iddettaljata dwar is-suġġett, l-għanijiet u l-kuntest tal-proposta kontenzjuża (iktar 'il quddiem l-"informazzjoni supplimentari").

5 Minn naħa, minn din l-informazzjoni supplimentari jirriżulta li, fil-ħsieb tar-rikorrenti, ir-reġjuni b'minoranza nazzjonali jikkorrispondu għal reġjuni u għal żoni ġeografiċi li mhux neċessarjament ikollhom l-istrutturi li għandhom kompetenzi amministrattivi, iżda fejn ġew stabbiliti komunitajiet li kellhom karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi differenti minn dawk tal-popolazzjonijiet li jinsabu fir-reġjuni tal-madwar u li kienu maġġoranza jew li kienu jikkonsisti f'numru sostanzjali ta' persuni fil-livell lokali, filwaqt li, fil-livell nazzjonali, huma jirrappreżentaw biss minoranza, u li kienu

esprimew (permezz ta' referendum) ir-rieda tagħhom li jkollhom status ta' awtonomija fi ħdan l-Istat Membru kkonċernat (iktar 'il quddiem ir-"reġjuni b'minoranza nazzjonali"). Dawn ir-reġjuni b'minoranza nazzjonali kienu, skont ir-rikorrenti, il-gwardjani ta' kulturi u ta' lingwi Ewropej antiki u kienu jirrappreżentaw sorsi importanti tad-diversità kulturali u lingwistika tal-Unjoni u, b'mod usa', tal-Ewropa.

6 Barra minn hekk, mill-informazzjoni supplimentari jirriżulta li l-att ġuridiku tal-Unjoni propost (iktar 'il quddiem l-"att propost") kellu qabel kollox jiżgura l-ugwaljanza bejn ir-reġjuni u ż-żamma tal-kulturi reġjonali, billi jiġi ostakolat kwalunkwe diverġenza jew ritard ta' żvilupp ekonomiku ta' reġjuni b'minoranza nazzjonali meta mqabbla mar-reġjuni tal-madwar u li jippermetti li l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tar-reġjuni b'minoranza nazzjonali tinżamm b'mod li ma tippreġudikax il-karatteristiċi tagħhom. Skont ir-rikorrenti, il-politika ta' koeżjoni rregolata bl-Artikoli 174 TFUE sa 178 TFUE kellha, sabiex tissodisfa l-valuri ewlenin iddefiniti fl-Artikoli 2 TUE u 3 TUE, tikkontribwixxi għaż-żamma tal-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi speċifiċi ta' reġjuni b'minoranza nazzjonali, li kienu mhedda mill-integrazzjoni ekonomika Ewropea, u għall-korrezzjoni ta' żvantaġġi u ta' diskriminazzjoni li jaffettwaw l-iżvilupp ekonomiku ta' dawn ir-reġjuni. Konsegwentement, l-att propost kellu jagħti r-reġjuni nazzjonali b'minoranza nazzjonali il-possibbiltà ta' aċċess għall-fondi, għar-riżorsi u għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni ugwali għal dak tar-reġjuni li bħalissa huma eliġibbli, kif elenkat fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 1961). Dawn il-garanziji setgħu, skont ir-rikorrenti, jinkludu t-twaqqif ta' istituzzjonijiet reġjonali awtonomi, vestiti b'setgħat suffiċjenti sabiex jgħinu lir-reġjuni b'minoranza nazzjonali jżommu l-karatteristiċi nazzjonali, lingwistiċi u kulturali tagħhom kif ukoll l-identità tagħhom.

7 Għal dan il-għan, minn naħa, l-att propost kellu jipprovdi definizzjoni tar-"reġjun b'minoranza nazzjonali", billi jirreferi, l-ewwel nett, għal-kunċetti u għall-għanijiet deskritti f'ċerti strumenti tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-definizzjoni tal-"minoranza nazzjonali" li tinsab fir-Rakkomandazzjoni 1201 (1993) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, adottata fl-1 ta' Frar 1993, dwar protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem dwar id-drittijiet tal-minoranzi, it-tieni nett, għat-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, it-tielet nett, għall-ġurisprudenza mogħtija skont il-Konvenzjoni tal-Protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, it-raba' nett, għall-Artikolu 3 TUE u għall-Artikolu 167 TFUE kif ukoll, il-ħames nett, għar-rieda espressa (permezz ta' referendum) tal-komunitajiet interessati sabiex jibbenefikaw minn status ta' awtonomija fi ħdan l-Istat Membru kkonċernat. Min-naħa l-oħra, l-imsemmi att għandu jidentifika b'isimhom, konformement mad-definizzjoni msemmija iktar 'il fuq, ir-reġjuni b'minoranza nazzjonali eżistenti fi ħdan l-Unjoni, li sussegwentement għandhom jiġu integrati fil-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika nomenklatura statistika komuni ta' diviżjonijiet territorjali (iktar 'il quddiem in-"NUTS") li jinsabu fir-Regolament Nru 1059/2003.

8 Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat li l-fondi, ir-riżorsi u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni jiġu użati mill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali sabiex jiffinanzjaw politiki ostili minn minoranzi nazzjonali, l-att propost kien li jiddikjara li l-Istati Membri kellhom l-obbligu, mingħajr dewmien, li jonoraw l-obbligi tagħhom u l-impenji internazzjonali tagħhom lejn il-minoranzi nazzjonali u li l-ksur jew nuqqas ta' osservanza ta' dawn l-impenji minn kwalunkwe Stat Membru kien jammonta għal ksur tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 TUE, li jaqgħu fil-proċedura deskritta fl-Artikolu 7 TUE u li jista' jwassal lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li tissospendi ċerti drittijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-Trattati tal-Istat Membru kkonċernat.

9 Fil-25 ta' Lulju 2013 il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2013) 4975 finali, li rrifjutat li tirreġistra l-proposta kontenzjuża (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") minħabba li minn eżami mill-fond tad-dispożizzjonijiet tat-trattati msemmija f'din il-proposta, u tal-bażijiet legali l-oħra

immaġinabbli, jirriżulta li l-imsemmija proposta kienet kjarament tinsab barra mill-qafas tal-attribuzzjonijiet tagħha li jippermettu li tippreżenta proposta għal att ġuridiku tal-Unjoni għall-implementazzjoni tat-trattati.

**Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

10 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-27 ta' Settembru 2013, ir-rikorrenti ppreżentaw dan ir-rikors.

11 Fit-3 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni ppreżentat ir-risposta tagħha.

12 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-18 ta' Frar 2009, ir-Repubblika Slovakka talbet li tintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

13 Fil-21 ta' Frar 2014, ir-rikorrenti ppreżentaw replika.

14 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-3 ta' Marzu 2014, l-Ungerija talbet li tintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti.

15 B'atti separati ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, rispettivament fis-7 u fit-12 ta' Marzu 2011, ir-Repubblika Ellenika u r-Rumanija talbu sabiex jintervjenu f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

16 Fis-7 ta' April 2014, il-Kummissjoni ppreżentat kontroreplika.

17 Wara li kisbet l-osservazzjonijiet tal-partijiet, il-President tal-Ewwel Awla tal-Qorti Ġenerali, b'digriet tat-12 ta' Mejju 2014, laqa' t-talbiet għal intervent tar-Repubblika Slovakka, tal-Ungerija, tar-Repubblika Ellenika u tar-Rumanija.

18 Ir-Repubblika Slovakka, minn naħa, l-Ungerija u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, ippreżentaw in-noti ta' intervent tagħhom, rispettivament, fit-23 u l-25 ta' Ġunju 2014. Ir-Repubblika Ellenika ma ppreżentatx nota ta' intervent.

19 B'atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, fit-18 u t-23 ta' Ġunju u l-25 ta' Awwissu 2014, il-Județul Covasna (reġjun Rumen ta' Covasna), Bretagne réunie u l-Obec Debrad' (komun Solvakk ta' Debrad') 2012 talbu li jintervjenu f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti.

20 Wara li kisbet l-osservazzjonijiet tal-partijiet, il-President tal-Ewwel Awla tal-Qorti Ġenerali, b'digriet tat-18 ta' Mejju 2014, ċaħad it-talbiet għal intervent tal-Județul Covasna, ta' Bretagne réunie u tal-Obec Debrad'.

21 Fuq proposta r-rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura, u fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89(3)(b) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, stiednet lill-partijiet prinċipali sabiex jippronunzjaw irwieħhom bil-miktub fuq ċerti aspetti tat-tilwima. Dawn tal-aħħar wieġbu għal dawn it-talbiet fit-termini mogħtija. Fit-tweġiba tagħhom, ir-rikorrenti ddikjaraw li qed jirrinunzjaw għall-kap tat-talbiet tagħhom intiż li jobbliga lill-Kummissjoni sabiex tirreġistra l-proposta kontenzjuża u li tieħu l-miżuri legali kollha rikjesti.

22 It-trattazzjoni tal-partijiet u r-risposti tagħhom għad-domandi tal-Qorti Ġenerali nstemgħu matul is-seduta tal-11 ta' Frar 2009, bl-eċċezzjoni tar-Repubblika Ellenika, li r-rappreżentant tagħha ma kienx preżenti waqt l-imsemmija seduta. Fl-okkażjoni ta' din tal-aħħar, il-Kummissjoni informat lill-Qorti Ġenerali li r-rikorrenti kienu ppubblikaw, fuq is-sit internet tal-proposta kontenzjuża,

ir-risposta li hija kienet ippreżentat f'din il-kawża u li, minkejja t-talba tagħha f'dan is-sens, kienu rrifjutaw li jirtiraw. Hija talbet lill-Qorti Ġenerali sabiex tqis dan l-aġir abbużiv tar-rikorrenti fil-kuntest tat-tqassim tal-ispejjeż. Ir-rikorrenti ma kkontestawx il-fatti allegati mill-Kummissjoni, iżda sostnew li l-aġir tagħhom ma kienx jikkostitwixxi abbuż ta' dritt, fl-assenza ta' test li jipprojbih. Għaldaqstant huma talbu lill-Qorti Ġenerali li tapplika r-regoli ġenerali dwar l-ispejjeż.

23 Wara adattament tat-talbiet tagħhom (punt 21 iktar 'il fuq), ir-rikorrenti, sostnuti mill-Ungerija, talbu li l-Qorti Ġenerali:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

24 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala, parzjalment, inammissibbli u, fil-kumplament tiegħu, infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti u lill-Ungerija għall-ispejjeż.

25 Għalkemm ir-Repubblika Ellenika ma talbitx b'mod formali, għandu jitqies li, bħala intervenjenti insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni, hija taqbel għal kollox magħhom.

26 Ir-Repubblika Slovakka, intervenjenti insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni, titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala, parzjalment, inammissibbli u, fil-kumplament tiegħu, infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

27 Ir-Rumanija, intervenjenti insostenn tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, taqbel, fis-sustanza, ma' dawn tal-aħħar sa fejn huma intiżi għaċ-ċaħda tar-rikors bħala, parzjalment, inammissibbli, u, għall-kumplament, infondat.

## Id-dritt

### *Fuq l-ammissibbiltà ta' ċerti lmenti*

28 Fl-istadju tar-replika, ir-rikorrenti, sostnuti mill-Ungerija, invokaw, essenzjalment, ilmenti bbażati, minn naħa, fuq użu ħażin ta' poter u fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u, min-naħa l-oħra, fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 352 TFUE.

29 Mistiedna mill-Qorti Ġenerali sabiex tippronunzja ruħha fuq dan l-aspett tat-tilwima (punt 21 iktar 'il fuq), il-Kummissjoni, sostnuta mir-Repubblika Slovakka, invokat l-inammissibbiltà tal-ilment ibbażat fuq użu ħażin ta' poter u fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, sa fejn dan l-ilment tqajjem biss, għall-ewwel darba, fl-istadju tar-replika u huwa ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' ammissibbiltà li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 44(1)(c) u l-Artikolu 48 tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991.

30 Fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 352 TFUE, il-Kummissjoni, sostnuta mir-Rumanija u mir-Repubblika Slovakka, ikkonkludiet ukoll li għandu jiġi rrifjutat bħala inammissibbli, għar-raġuni li kien tqajjem, għall-ewwel darba, fl-istadju tar-replika.

31 Ir-rikorrenti joġġezzjonaw li qajmu dawn l-ilmenti bħala risposta għall-argumenti ppreżentati mill-Kummissjoni fir-risposta tagħha u jsostnu li dawn l-ilmenti jikkostitwixxu biss amplifikazzjoni ta' dawk li diġà jinsabu fir-rikors tagħhom.

32 Hemm lok li jitfakkar li, konformement mad-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 44(1)(c) u tal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991, it-tressiq ta' motivi ġodda wara d-depożitu tar-rikors huwa pprojbit sakemm dawn il-motivi ma jkunux ibbażati fuq punti ta' liġi u ta' fatt li jkunu ġew żvelati matul il-proċedura. Madankollu, motiv li jamplifika motiv imsemmi preċedentement, direttament jew impliċitament, fir-rikors promotur u li jkollu rabta mill-qrib miegħu għandu jiġi ddikjarat ammissibbli (ara s-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2008, Mote vs Il-Parlament, T-345/05, Ġabra, EU:T:2008:440, II-440, punt 85, u l-ġurisprudenza ċċitata). Soluzzjoni simili tapplika fir-rigward ta' lment invokat insostenn ta' motiv (ara s-sentenza tad-19 ta' Marzu 2002, In 't Veld vs Il-Kummissjoni, T-301/10, Ġabra, EU:T:2013:135, punt 97, u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Sabiex jitqies li huwa amplifikazzjoni ta' motiv jew ta' ilment imsemmi preċedentement, argument ġdid għandu jkollu, mal-motivi jew l-ilmenti inizjalment spjegati fir-rikors, rabta stretta biżżejjed sabiex jista' jitqies bħala li jirriżulta mill-iżvilupp normali tad-dibattitu fi proċedura kontenzjuża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Novembru 2013, Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni, C-58/12 P, Ġabra, EU:C:2013:770, punt 31).

34 F'dan il-każ, huwa eżatt li l-ilmenti bbażati fuq użu ħażin ta' poter u ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kif ukoll l-ilment ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 352 TFUE, imsemmija fil-punt 28 iktar 'il fuq, ma jinsabux fir-rikors.

35 Madankollu, l-ilmenti bbażati fuq użu ħażin ta' poter u fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jikkorrispondu, f'dan il-każ, għal amplifikazzjoni tal-ilmenti li saru fir-rikors u huma bbażati fuq elementi li ġew żvelati matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, minn naħa, dawn l-ilmenti huma marbuta strettament mal-motiv uniku mqajjem, essenzjalment, mir-rikorrenti fir-rikors, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011, peress li l-proposta kontenzjuża ma hijiex manifestament barra mill-qafas tas-setgħat li jippermettu lill-Kummissjoni li tressaq proposta għal att ġuridiku tal-Unjoni għall-għanijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati. Huma jidhru bħala klassifikazzjoni ġuridika ġdida tal-argumenti mressqa insostenn ta' dan il-motiv, fid-dawl ta' ċerti argumenti mressqa mill-Kummissjoni fir-risposta, li minnhom jirriżulta, skonthom, li l-unika raġuni għad-deċiżjoni kkontestata kienet li l-Kummissjoni ma qisitx li huwa xieraq, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, li teżerċita l-attribuzzjonijiet tagħha fid-direzzjoni li huma xtaqu. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jiġġustifikaw il-preżentazzjoni ta' dawn l-ilmenti minn ċerti elementi żvelati matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, jiġifieri argumenti mressqa mill-Kummissjoni fir-risposta tagħha li skontha "l-politika tal-Unjoni ma [setgħetx] issir l-istrument politiku li jmur kontra l-minoranzi" u "l-ispeċifiċitajiet tal-minoranzi nazzjonali [kienu] jistgħu jitqiesu b'mod xieraq meta tiġi stabbilita l-klassifikazzjoni NUTS fil-livell tal-Istati Membri".

36 Anki l-ilmenti bbażati fuq użu ħażin ta' poter u fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba huma ammissibbli.

37 Madankollu, l-ilment ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 352 TFUE ma humiex marbut, mill-qrib, mal-ilmenti li jinsabu fir-rikors. Barra minn hekk, dan l-ilment ma huwiex ibbażat fuq elementi li ġew żvelati matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li, irrispettivament mill-argumenti tal-Kummissjoni fir-risposta tagħha, dan l-ilment kien diġà seta jitressaq fir-rikors. Fil-fatt, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kienet diġà ħadet pożizzjoni f'dan is-sens li ebda dispożizzjoni tat-Trattati, minbarra dawk iċċitati fil-proposta kkontestata, ma' tista' tkun ta' bażi għall-att propost, li kien jinkludi l-Artikolu 352 TFUE.

38 Għaldaqstant, hemm lok li l-ilment ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 352 TFUE jiġi miċħud bħala inammissibbli, u, għall-kumplament, li l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni jiġu miċħuda.

*Fuq il-mertu*

39 Insostenn tat-talba tagħhom għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti, sostnuti mill-Ungerija, jinvokaw essenzjalment, motiv uniku, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011, peress li l-proposta kontenzjuża ma hijiex manifestament barra mill-qafas tal-attribuzzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni li tressaq proposta ta' att ġuridiku tal-Unjoni għall-għanijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati. Fid-dawl tal-konklużjonijiet miġbuda fil-punt 38 iktar 'il fuq, hemm lok li jitqies li dan il-motiv jinqasam f'diversi lmenti bbażati, minn naħa, fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 4(2)(c) TFUE u tal-Artikolu 174 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament Nru 1059/2003, moqri fid-dawl tal-premessa 10 tal-imsemmi regolament, it-tieni nett, fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 167 TFUE, it-tielet nett, fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 19(1) TFUE, ir-raba; nett, fuq teħid inkunsiderazzjoni żbaljat ta' informazzjoni mhux imsemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament Nru 211/2011 u, il-ħames nett, fuq użu ħażin ta' poter u fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

40 Hemm lok, f'dan il-każ, li fil-bidu jiġi eżaminat l-ilment ibbażat fuq teħid inkunsiderazzjoni ta' informazzjoni mhux imsemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament Nru 211/2011.

Fuq l-ilment ibbażat fuq teħid inkunsiderazzjoni ta' informazzjoni mhux imsemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament Nru 211/2011.

41 Ir-rikorrenti, sostnuti mill-Ungerija, jikkonkludu li l-Kummissjoni wettqet żball meta ħadet inkunsiderazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, informazzjoni supplimentari, bħal dik iddefinita fil-punt 4 iktar 'il fuq.

42 Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Rumanija u mir-Repubblika Slovakka, titlob li dan l-ilment jiġi miċħud.

43 Dan l-ilment iqajjem il-kwistjoni ta' liema hija informazzjoni li fuqha l-Kummissjoni hija intitolata li tibbaża ruħha sabiex tiddeċiedi li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini, stabbiliti fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011, ma humiex issodisfati.

44 L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 211/2011, jipprovdi, kif ġej:

"1. Qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji għal inizjattiva taċ-ċittadini proposta, l-organizzaturi għandhom ikunu meħtieġa jirreġistrawha mal-Kummissjoni, filwaqt li jipprovdu l-informazzjoni stipulata fl-Anness II, b'mod partikolari dwar is-suġġett u l-objettivi tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

[...]

2. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-informazzjoni stipulata fl-Anness II, il-Kummissjoni għandha tirreġistra proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini taħt numru ta' reġistrazzjoni uniku u tibgħat konferma lill-organizzaturi, bil-kondizzjoni li jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

[...]

b) l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta ma tkunx taqa' manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan ta' implimentazzjoni tat-Trattati;

[...]

3. Il-Kummissjoni għandha tiċħad ir-reġistrazzjoni jekk il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2 ma jiġux sodisfatti.

[...]"

45 Peress li l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 211/2011 jirreferi direttament, f'dan ir-rigward, għall-Anness II ta' dan l-istess regolament, dan tal-aħħar għandu jitqies bħala li għandu forza vinkolanti identika għal dik tal-imsemmi regolament (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' April 1996, Industrias Pesqueras Campos *et* vs Il-Kummissjoni, T-551/93 u T-231/94 sa T-234/94, Ġabra, EU:T:1996:54, punt 84).

46 L-Anness II tar-Regolament Nru 211/2011, intitolat "Informazzjoni meħtieġa għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini" jipprovdi kif ġej:

"L-informazzjoni li ġejja għandha tkun provduta sabiex tiġi reġistrata inizjattiva taċ-ċittadini proposta fir-reġistru online tal-Kummissjoni:

1. It-titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, f'mhux aktar minn 100 karattru;

2. Is-suġġett, f'mhux aktar minn 200 karattru;

3. Deskrizzjoni tal-għanijiet tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li fuqha l-Kummissjoni hija mistiedna taġixxi, f'mhux aktar minn 500 karattru;

4. Id-dispożizzjonijiet tat-Trattati meqjusa rilevanti mill-organizzaturi għall-azzjoni proposta;

[...]

L-organizzaturi jistgħu jipprovdu aktar informazzjoni dettaljata dwar is-suġġett, l-għanijiet u l-isfond tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta f'anness. Jekk jixtiequ, jistgħu wkoll jippreżentaw abbozz ta' att legali."

47 Mill-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 211/2011 u mill-Anness II tiegħu jirriżulta li l-Kummissjoni teżamina l-informazzjoni kkomunikata mill-organizzaturi sabiex tevalwa jekk il-proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni stabbiliti, b'mod partikolari, għall-Artikolu 4(2)(b) ta' dan l-istess regolament.

48 Kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, l-"informazzjoni stipulata fl-Anness II" tar-Regolament Nru 211/2011, li għaliha jirreferi l-Artikolu 4 ta' dan l-istess regolament, ma hijiex limitata għall-informazzjoni minima li, skont dan l-istess anness, għandha tingħata fir-reġistru.

49 Fil-fatt, id-dritt, rikonoxxut fl-Anness II tar-Regolament Nru 211/2011, għall-organizzaturi tal-proposta ta' inizjattiva sabiex jipprovdu informazzjoni addizzjonali, jew abbozz ta' att ġuridiku tal-Unjoni, għandu bħala korollarju l-obbligu għall-Kummissjoni li teżamina l-imsemmija informazzjoni, kif ukoll kull informazzjoni oħra pprovduta skont l-imsemmi anness, konformement mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li miegħu huwa marbut l-obbligu għall-istituzzjoni kompetenti li teżamina, b'reqqa u b'imparzjalità, l-elementi rilevanti kollha tal-każ (ara s-sentenzi 29 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni vs L-Estonja, C-505/09 P, Ġabra, EU:C:2012:179, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-23 ta' Settembru 2009, L-Estonja vs Il-Kummissjoni, T-263/07, Ġabra, EU:T:2009:351, punt 99 u ġurisprudenza ċċitata).

50 Konsegwentement, irrispettivament mill-punt jekk l-informazzjoni rikjesta, ipprovduta fir-reġistru, kinitx biżżejjed, hemm lok li jiġi konkluż li, sabiex tevalwa jekk il-proposta kontenzjuża tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011, il-Kummissjoni għandha teżamina l-informazzjoni supplimentari.

51 Din il-konklużjoni ma hijiex invalidata mill-argumenti tar-rikorrenti bbażati, essenzjalment, fuq li l-Kummissjoni ma kellhiex tieħu inkunsiderazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, informazzjoni supplimentari li turi biss proposti ta' atti li setgħu, jekk ikun il-każ, jitressqu lill-Kummissjoni, mingħajr ma jikkorrispondu, madankollu, għall-att propost.

52 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset, abbażi tal-informazzjoni supplimentari, li r-rikorrenti stidnuha, bil-proposta kontenzjuża, sabiex jippreżentaw proposta għal att ġuridiku tal-Unjoni sabiex jiżguraw "l-ugwaljanza bejn ir-reġjuni u ż-żamma tal-kulturi reġjonali", li, skont huma, neċessarjament jimplikaw, minn naħa, li jiġi żgurat li l-Istati Membri josservaw l-impenji tagħhom ta' dritt internazzjonali fir-rigward ta' minoranzi nazzjonali u, min-naħa l-oħra, li "tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni [b'minoranza nazzjonali] fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni", filwaqt li jkollhom definizzjoni tar-"reġjun b'minoranza nazzjonali" li tieħu inkunsiderazzjoni kriterji li jinsabu fl-istrumenti internazzjonali ċċitati fil-proposta kontenzjuża u r-rieda espressa tal-komunitajiet ikkonċernati, u li tidentifika b'isimhom l-imsemmija reġjuni.

53 Ir-rikorrenti ma humiex intitolati li jitolbu li l-miżuri hekk identifikati fid-deċiżjoni kkontestata kellhom jiġu ppreżentati, fl-informazzjoni supplimentari, bħala sempliċi eżempji ta' proposti ta' miżuri li jistgħu, jekk ikun il-każ, jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni. Fl-informazzjoni ulterjuri tagħhom, qabel kollox, huma jindikaw espressament li "l-leġiżlazzjoni għandha [...] tiddikjara li l-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jissodisfaw l-impenji internazzjonali tagħhom fir-rigward ta' minoranzi nazzjonali". Insegwitu, ir-rikorrenti jindikaw, meta jtennu talba li diġà saret fir-rigward tal-informazzjoni meħtieġa, li, għall-finijiet li jintlaħqu l-għanijiet segwiti mill-proposta kontenzjuża, "[ir-reġjuni b'minoranza nazzjonali] għandhom jingħataw opportunità ugwali għall-aċċess għall-fondi strutturali u fondi oħra tal-Unjoni, għar-riżorsi u għall-programmi [tal-politika ta' koeżjoni] [u] ż-żamma tal-karatteristiċi tagħhom kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku xieraq tagħhom għandu jkun iggarantiti". Fl-aħħar nett, huma jirreferu b'mod ċar għal "kunċett [ta' reġjuni b'minoranza nazzjonali] li għandu jkun iddefinit f'att tal-Unjoni" u jindikaw li "[m] inbarra d-definizzjoni tal-kunċett ta' reġjuni b'minoranza nazzjonali, l-att ġuridiku tal-Unjoni mħejji mill-Kummissjoni għandu jidentifika wkoll l-isem tagħhom f'anness, fil-waqt li jitqiesu l-kriterji użati fl-istrumenti internazzjonali elenkati [fl-informazzjoni supplimentari], u r-rieda tal-komunitajiet ikkonċernati". Mis-siltet imsemmija iktar 'il fuq ta' informazzjoni supplimentari jirriżulta li l-proposti ta' miżuri li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni kkontestata ġew ippreżentati b'mod ċar mir-rikorrenti, fl-imsemmija informazzjoni, bħala miżuri li għandhom neċessarjament jiġu inklużi fl-att propost.

54 Huwa għaldaqstant ġustament li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni dawn il-miżuri sabiex tivverifika jekk il-proposta kontenzjuża tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011.

55 Barra minn hekk, il-konklużjoni msemmija fil-punt 50 iktar 'il fuq ma hijiex ikkontestata mill-argumenti tal-partijiet dwar il-kwistjoni jekk it-teħid inkunsiderazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, ta' informazzjoni supplimentari kinitx jew le, f'dan il-każ, fl-interess tar-rikorrenti.

56 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li huma l-organizzaturi ta' proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini li għandhom jevalwaw, f'kull każ, jekk huwiex fl-interess tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom, rikonoxxut fl-Anness II għar-Regolament Nru 211/2011, li jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar is-suġġett, l-għanijiet u l-kuntest tal-proposta tagħhom, billi jitqies l-obbligu korrelattiv li għandha l-Kummissjoni sabiex teżaminahom għall-finijiet li tevalwa, jekk il-proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini għandhiex tiġi rreġistrata. Madankollu, wara li l-organizzaturi ta' proposta taċ-ċittadini iddeċidew li

jeżerċitaw id-dritt tagħhom u li jipprovdu tali informazzjoni supplimentari, din tal-aħħar għandha tittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, mingħajr li din tal-aħħar tista' u għandha tistaqsi dwar jekk l-inklużjoni tal-imsemmija informazzjoni hijiex jew le fl-interess tal-organizzaturi.

57 F'dan il-każ, ir-rikorrenti pprovdew informazzjoni supplimentari lill-Kummissjoni, li għaldaqstant għandha teżaminaha, irrispettivament mill-punt jekk din kinitx jew le fl-interess tar-rikorrenti.

58 Peress li l-argumenti tar-rikorrenti b'hekk huma għal kollox irrifjutati, għandu jiġi miċħud l-ilment ibbażat fuq teħid inkunsiderazzjoni żbaljat ta' informazzjoni mhux imsemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament Nru 211/2011.

Osservazzjonijiet preliminari fuq l-ilmenti l-oħra mqajma mir-rikorrenti

59 Sa fejn l-ilmenti l-oħra kollha mqajma mir-rikorrenti huma marbuta, essenzjalment, mal-ksur tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011 (punt 39 iktar 'il fuq) għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 5 TUE, il-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi jirregola l-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni, li, skont l-Artikolu 13(2) tat-Trattat UE, kull istituzzjoni għandha taġixxi fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha fit-trattati u huwa f'dan il-kuntest li l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011 jipprovdi għar-rekwiżit li l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta għandha ma jkun manifestament barra l-kuntest tal-attribuzzjonijiet tal-Kummissjoni li taħtu tista' tissottometti proposta għal att ġuridiku tal-Unjoni għall-implementazzjoni tat-trattati.

60 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011 jirriżulta li l-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni inizjali tal-elementi li għandha sabiex tevalwa jekk il-proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini manifestament ma taqax fil-qafas tal-attribuzzjonijiet tagħha, peress li huwa ppreċiżat li eżami iktar komplet huwa previst fil-każ ta' reġistrazzjoni tal-proposta. Fil-fatt, l-Artikolu 10(1)(c) tar-Regolament Nru 211/2011 jipprovdi li, meta l-Kummissjoni tirċievi l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, hija tippreżenta, f'terminu ta' tliet xhur, permezz ta' komunikazzjoni, il-konklużjonijiet ġuridiċi u politiċi tagħha dwar l-imsemmija inizjattiva, l-azzjoni li biħsiebha tieħu, jekk ikun il-każ, kif ukoll ir-raġunijiet għaliex biħsiebha tieħu jew ma tiħux din l-azzjoni.

61 Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-Kummissjoni applikatx korrettament f'dan il-każ il-kundizzjoni li tinsab fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011, huwa xieraq li jiġi eżaminat jekk, fid-dawl tal-proposta kontenzjuża u fil-kuntest tal-ewwel eżami tal-elementi li għandha, ma setgħetx manifestament tipproponi l-adozzjoni ta' att tal-Unjoni bbażat fuq l-artikoli tat-trattati, b'mod partikolari dawk imsemmija mir-rikorrenti fil-proposta kontenzjuża.

Fuq l-ilmenti bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 4(2)ċ c) TFUE u tal-Artikolu 174 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament Nru 1059/2003, moqri fid-dawl tal-premessa 10 ta' dan l-istess regolament

62 Ir-rikorrenti, sostnuti mill-Ungerija, jikkonkludu li l-Kummissjoni vvizzjat id-deċiżjoni kkontestata bi żball ta' interpretazzjoni meta rrifjutat li tikkonstata, fiha, li l-Artikolu 4(2)(ċ) TFUE u l-Artikolu 174 TFUE, kif ukoll l-Artikolu 3(5) tar-Regolament Nru 1059/2003, moqri fid-dawl tal-premessa 10 ta' dan l-istess regolament, jistgħu jipprovdu bażi legali sabiex tkun tista tippreżenta proposta ta' att ġuridiku li tikkorrispondi mal-proposta kkontestata.

63 Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Rumanija u mir-Repubblika Slovakka, jitolbu li dawn l-ilmenti jiġi miċħuda.

64 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, wara li ddefinixxiet il-kontenut tal-att propost kif indikat fil-punt 52 iktar ’il fuq, osservat kif ġej:

“Skont [it-] talba [ċerti miżuri] huma meħtieġa sabiex tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni [b’minoranza nazzjonali] fil-kuntest tal-politika ta’ koeżjoni tal-Unjoni. Madankollu, kull azzjoni meħuda fuq il-bażi tal-Artikoli 177 [TFUE] 178 TFUE li jirregolaw il-politika ta’ koeżjoni [tal-Unjoni] hija limitata sabiex isegwu l-għanijiet tat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif previst fl-Artikolu 174 TFUE. Li jkunu promossi l-kundizzjonijiet tal-minoranzi nazzjonali ma tistax tinftiehem bħala li jgħinu sabiex jitnaqqsu “id-diverġenzi bejn il-livelli ta’ żvilupp tar-reġjuni varji” u r-ritard tar-reġjuni l-inqas vantaġġati, kif stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 174 TFUE. F’dan ir-rigward, il-lista ta’ “żvantaġġi” stabbilita fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 174 TFUE, li jimplika l-obbligu li tingħata “attenzjoni partikolari” lir-reġjuni konċernati, hija eżawrjenti. Konsegwentement, l-Artikolu 174 [TFUE], 176 [TFUE], 177 [TFUE] u 178 TFUE ma jistgħux jikkostitwixxu bażijiet legali għall-adozzjoni tal-att [...] propost.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

65 Barra minn hekk, il-Kummissjoni, wara li indikat li l-eżami tagħha ma huwiex iffukat fuq id-dispożizzjonijiet tat-Trattati ċċitati fil-proposta kontenzjuża, iżda wkoll fuq “il-bażijiet legali possibbli kollha”, ikkonkludiet kif ġej:

“[M]a hemm l-ebda bażi legali fit-Trattati, li tippermetti li tiġi ppreżentata proposta ta’ att ġuridiku li għandu l-kontenut tiegħu maħsub [mill-organizzaturi tal-proposta kontenzjuża].” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

66 Qabel kollox, hemm lok li jitfakkar li l-għażla tal-bażi legali ta’ att ġuridiku tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu s-suġġett ta’ stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom hemm, b’mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-att (ara s-sentenzi tal-11 ta’ Ġunju 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-377/12, Ġabra, EU:C:2014:1903, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-18 ta’ Diċembru 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill, C-81/13, Ġabra, EU:C:2014:2449, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 Dawn l-ilmenti jqajmu l-kwistjoni dwar jekk, fid-dawl, b’mod partikolari, tal-għan u tal-kontenut tal-att propost, din tista’ tiġi adottata abbażi tad-dispożizzjonijiet, iċċitati mir-rikorrenti fil-proposta kontenzjuża, li jikkonċernaw il-politika ta’ koeżjoni tal-Unjoni.

68 L-Artikolu 3 TUE jsemmi, fost għanijiet oħra segwiti mill-Unjoni, il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. L-imsemmija koeżjoni tinsab fost l-oqsma ta’ kompetenzi kondiviżi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, elenkati fl-Artikolu 4(2)TFUE. Kif il-Kummissjoni ġustament osservat, il-bażi legali għall-adozzjoni ta’ atti legali tal-Unjoni li jippermettu li tikkonsolida u tiżviluppa iktar l-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, b’mod partikolari permezz tal-fondi strutturali, jinsabu fid-dispożizzjonijiet tat-tielet parti kollha tat-Titolu XVIII tat-Trattat FUE, jiġifieri l-Artikoli 174 TFUE sa 178 TFUE. Dan jirriżulta wkoll ċar mill-Protokoll (Nru 28) dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, anness mat-Trattat UE u mat-Trattat FUE.

69 Minn qari tal-Artikolu 174TFUE sa 178 TFUE flimkien jirriżulta li l-leġiżlatur jista’ jadotta miżuri sabiex jippromwovi żvilupp armonjuż fl-Unjoni Ewropea kollha u, b’mod partikolari, inaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta’ żvilupp tar-reġjuni varji u d-dewmien tar-reġjuni li huma l-inqas vantaġġjati, billi tingħata, f’dan ir-rigward, attenzjoni partikolari liż-żoni rurali, liż-żoni milquta mit-tranżizzjoni industrijali u lir-reġjuni li jsofru minn żvantaġġi naturali jew demografiċi serji u permanenti bħalma huma r-reġjuni tat-Tramuntana l-iktar imbiegħda li għandhom densità tal-popolazzjoni baxxa ħafna u r-reġjuni tal-gżejjer, dawk transkonfinali u tal-muntanji.

70 Konformement mal-Artikolu 4(2) FUE, li jipprovdi b’mod partikolari li l-Unjoni għandha tirrispetta l-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali fundamentali tagħhom, inkluż fir-rigward tal-awtonomija lokali u reġjonali, il-kunċett ta’ “reġjun”, fis-sens

tal-Artikoli 174 TFUE u 178 TFUE, għandu jiġu ddefinit fir-rispett tas-sitwazzjoni politika, amministrattiva u istituzzjonali eżistenti. Madankollu, l-unitajiet amministrattivi eżistenti fl-Istati Membri għandhom differenzi kbar bejniethom, kemm demografikament u ġeografikament kif ukoll rigward il-kompetenzi tagħhom. Issa, l-adozzjoni ta' atti ġuridiċi tal-Unjoni fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni timplika li leġiżlatur tal-Unjoni għandu data komparabbli dwar il-livell ta' żvilupp ta' kull waħda minn dawn l-unitajiet amministrattivi. Kif jirriżulta mill-premessa 9, ir-Regolament Nru 1059/2003 stabbilixxa NUTS, li jippermetti, permezz tad-definizzjoni ta' "unitajiet territorjali" jew ta' "reġjunijiet NUTS", il-livell fil-ġerarkija, li jiddependi mid-daqs tagħhom f'termini ta' popolazzjoni, sabiex jagħmlu l-istatistika komparabbli dwar il-livell ta' żvilupp tal-unitajiet amministrattivi eżistenti fl-Istati Membri u li, għaldaqstant, iservi bħala riferiment għall-implementazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni.

71 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1059/20030, li jistabbilixxi l-kriterji ta' klassifikazzjoni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika, jistabbilixxi, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fiż-żmien tal-fatti, kif ġej:

"1. Unitajiet amministrattivi eżistenti fl-Istati Membri jikkostitwixxu l-ewwel kriterju li jintuża għat-tifsira ta' unitajiet territorjali.

Għal dan il-għan, 'unità amministrattiva' għandha tfisser żona ġeografika b'awtorità amministrattiva li jkollha s-setgħa li tieħu deċiżjonijiet amministrattivi jew ta' politika għal dik iż-żona fi ħdan il-qafas legali u istituzzjonali ta' l-Istat Membru.

2. Biex jiġi stabbilit il-livell rilevanti NUTS li fih għandha tiġi klassifikata klassi partikolari ta' unitajiet amministrattivi fi Stat Membru, l-qies medju ta' din il-klassi ta' unitajiet amministrattivi fl-Istat Membru għandu jkun fl-egħtiebi [fil-livelli] ta' popolazzjoni li ġejjin:

[...]

Jekk il-popolazzjoni ta' Stat Membru sħiħ tkun inqas mill-għatba [livell] minima għal livell NUTS partikolari, l-Istat Membru sħiħ ikun unità territorjali NUTS waħda għal dan il-livell.

3. Għall-għan ta' dan ir-Regolament, il-popolazzjoni ta' unità territorjali tkun tikkonsisti minn dawk il-persuni li jkollhom il-post ta' residenza normali tagħhom f'din iż-żona.

4. L-unitajiet amministrattivi eżistenti li jintużaw għall-klassifikazzjoni NUTS huma elenkati fl-Anness II. Il-miżuri mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament u li jadattaw l-Anness II, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(2).

5. Jekk ma jkunx hemm, għal livell partikolari ta' NUTS, unitajiet amministrattivi ta' skala adatta fi Stat Membru, skont il-kriterji msemmija fil-paragrafu 2, dan il-livell NUTS ikun kostitwit billi tittieħed il-medja ta' numru xieraq ta' unitajiet amministrattivi iżgħar eżistenti kontigwi. Dan l-aggregat iqis il-kriterji rilevanti bħal ċirkostanzi ġeografiċi, soċjo ekonomiċi, storiċi, kulturali u ambjentali.

L-unitajiet aggregati li jirriżultaw għandhom minn hawn 'il quddiem jissejħu "unitajiet mhux amministrattivi". Id-daqs tal-unitajiet amministrattivi fi Stat Membru għal livell NUTS partikolari jkun skont l-egħtiebi [il-livelli] tal-popolazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

Ċerti unitajiet mhux amministrattivi individwali jistgħu, madankollu, jiddevjaw minn dawn l-egħtiebi minħabba f'ċirkostanzi partikolari ġeografiċi, soċjo ekonomiċi, storiċi, kulturali jew ambjentali, speċjalment fil-gżejjer u f'reġjunijiet imbiegħda. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(2)."

72 Fid-dawl tal-qafas ġuridiku spjegat fil-punti 68 sa 71 iktar ’il fuq, huwa ġustament li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li “l-Artikoli 174 [TFUE], 176 [TFUE], 177 [TFUE] u 178 TFUE ma jistgħux jikkostitwixxu l-bażi legali għall-adozzjoni tal-att [...] propost”. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

73 Fil-fatt, mill-proposta kontenzjuża jirriżulta, kif deskritt fil-punti 3 u 5 sa 8 hawn fuq, li l-att propost kellu jippermetti li r-reġjuni b’minoranza nazzjonali jkunu integrati fil-kunċett ta’ “reġjun” fis-sens tal-Artikolu 174 [TFUE] sa 178 TFUE, u jibbenefikaw minn attenzjoni speċjali, fil-kuntest tal-politika ta’ koeżjoni tal-Unjoni, sabiex il-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi speċifiċi tagħhom ikunu jistgħu jinżammu. L-att propost għandu, b’mod partikolari, jitlob lill-Istati Membri sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn il-minoranzi nazzjonali, inkluż meta kienu qed jimplementaw politika ta’ koeżjoni tal-Unjoni, jiddefinixxu l-kunċett ta’ “reġjun b’minoranza nazzjonali”, li jikkostitwixxi wkoll “reġjun” kif iddefinit fl-Artikoli 174 [TFUE] għal 178 TFUE, u jistabbilixxi lista ta’ ismijiet ta’ reġjuni b’minoranza nazzjonali li jaspiraw li jirċievu attenzjoni speċjali fil-kuntest tal-politika ta’ koeżjoni tal-Unjoni, għall-finijiet li l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom jinżammu.

74 Barra minn hekk, mill-proposta kontenzjuża jirriżulta li r-reġjuni b’minoranza nazzjonali għandhom jiġu definiti abbażi ta’ kriterji awtonomi u, għaldaqstant, irrispettivament mill-unitajiet amministrattivi eżistenti fl-Istati Membri. Fil-fatt, il-proposta kontenzjuża tindika li “l-elementi essenzjali kollha tal-kunċett [tar-reġjuni b’minoranza nazzjonali] li għandu jiġi ddefinit f’att ġuridiku tal-Unjoni diġà jeżistu fi strumenti internazzjonali numerużi adottati minn bosta Stati Membri” u tirreferi, f’dan ir-rigward, għar-“reġjuni b’karatteristiċi nazzjonali, etniċi, kulturali, reliġjużi, lingwistiċi li huma differenti minn dawk ta’ madwarhom”. Skont il-proposta kontenzjuża, ir-reġjuni b’hekk iddefiniti jinkludu ”żoni ġeografiċi mingħajr kompetetenzi amministrattivi”. Konsegwentement, skont il-proposta kontenzjuża, għall-ħolqien ta’ reġjuni konformi mac-NUTS, il-konfini lingwistiċi, etniċi u kulturali għandhom jitqiesu, kif ukoll ir-rieda tal-komunitajiet indiġeni li jiffurmaw il-maġġoranza tal-popolazzjoni tar-reġjun, espressa permezz ta’ referendum minn qabel u “l-garanziji [li jirriżultaw mill-att propost], bi qbil mar-[...] riżoluzzjoni [tal-Parlament Ewropew dwar il-protezzjoni tal-minoranzi u l-politika kontra d-diskriminazzjoni fil-Ewropa mkabbra] u r-rieda tal-komunitajiet inkwistjoni, li jistgħu jinkludu t-twaqqif ta’ istituzzjonijiet reġjonali awtonomi, vestiti b’setgħat suffiċjenti sabiex jgħinu jżommu [l-] karatteristiċi nazzjonali, lingwistiċi, kulturali u [l-]identità [tar-reġjuni b’minoranza nazzjonali]”. B’hekk, mill-proposta kontenzjuża jirriżulta li l-att propost kellu jwassal sabiex jiġu ddefiniti mill-ġdid il-kunċett ta’ “reġjun” fis-sens tal-Artikoli 174 TFUE sa 178 TFUE, billi jingħata status reali lir-reġjuni b’minoranza nazzjonali, u dawn mingħajr rigward għas-sitwazzjoni politika, amministrattiva u istituzzjonali prevalenti fl-Istati Membri kkonċernati.

75 Issa, kif ġie osservat fil-punt 70 iktar ’il fuq, u konformement mal-Artikolu 4(2) tat-Trattat UE, l-Unjoni għandha, fil-kuntest tal-politika ta’ koeżjoni, tirrispetta s-sitwazzjoni politika, amministrattiva u istituzzjonali prevalenti fl-Istati Membri. B’hekk, meta, għall-finijiet li tiġi żgurata l-komparabbiltà ta’ data statistika reġjonali, l-Artikolu 3(5) tar-Regolament Nru 1059/2003 jipprevedi li jitqiesu kriterji bħas-sitwazzjoni ġeografika, soċjoekonomika, storika, kulturali jew ambjentali, huwa biss għall-finijiet ta’ aggregazzjoni, f’unità mhux amministrattiva ta’ daqs suffiċjenti f’termini ta’ popolazzjoni, ta’ unitajiet amministrattivi fl-Istati Membri kkonċernati u għall-iskop uniku li tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-istatistika eżistenti fil-livell ta’ żvilupp ta’ dawn l-unitajiet amministrattivi varji. Barra minn hekk, meta din l-istess dispożizzjoni tipprevedi li jista’ jkun hemm deroga mil-limiti demografiċi għal motivi ġeografiċi, soċjoekonomiċi, storiċi, kulturali jew ambjentali partikolari, dan huwa biss rigward unitajiet mhux amministrattivi korrispondenti, huma stess, għal aggregazzjoni ta’ unitajiet amministrattivi eżistenti fl-Istati Membri kkonċernati għal għanijiet purament ta’ statistika u mingħajr ma dan jista’ jwassal għal bidla, fi kwalunkwe mod li tkun, fil-kuntest politiku, amministrattiv u istituzzjonali eżistenti fl-Istati Membri kkonċernati.

76 Minn dan isegwi li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma setax, mingħajr ma jikser l-Artikolu 4(2) TUE, jadotta att li, bħall-att propost, jiddefinixxu r-reġjuni b'minoranza nazzjonali, li jaspiraw li jirċievu attenzjoni speċjali fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni abbażi ta' kriterji awtonomi u, għaldaqstant, mingħajr ma titqies is-sitwazzjoni politika, amministrattiva u istituzzjonali eżistenti fl-Istati Membri kkonċernati.

77 Fi kwalunkwe każ, anki jekk wieħed jassumi li r-reġjuni b'minoranza nazzjonali jistgħu jikkorrispondu għal unitajiet amministrattivi eżistenti fl-Istati Membri kkonċernati jew aggregati ta' tali unitajiet, hemm lok li jiġi osservat li ż-żamma tal-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi speċifiċi ta' dawn ir-reġjuni ma hijiex għan li seta' jiġġustifika l-adozzjoni ta' att ġuridiku tal-Unjoni abbażi tal-Artikoli 174 [TFUE], 176 [TFUE], 177 [TFUE] u 178 TFUE.

78 Fil-fatt, dawn l-aħħar dispożizzjonijiet jawtorizzaw lill-leġiżlatur tal-Unjoni biss li jadotta miżuri sabiex jippromwovi żvilupp armonjuż fl-Unjoni Ewropea kollha u, b'mod partikolari, inaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u d-dewmien tar-reġjuni li huma l-inqas favoriti, billi tingħata, f'dan ir-rigward, attenzjoni partikolari liż-żoni rurali, liż-żoni milquta mit-tranżizzjoni industrijali u lir-reġjuni li jsofru minn żvantaġġi naturali jew demografiċi serji u permanenti bħalma huma r-reġjuni tat-Tramuntana l-iktar imbiegħda li għandhom densità tal-popolazzjoni baxxa ħafna u r-reġjuni tal-gżejjer, dawk transkonfinali u tal-muntanji.

79 Ċertament, ir-rikorrenti jallegaw essenzjalment, li, minn naħa waħda, l-integrazzjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-implementazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni ma tippromwovix, attwalment, żvilupp armonjuż tal-Unjoni kollha, peress li huma jheddu l-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni b'minoranza nazzjonali, li għandhom tendenza, għalhekk, li "jisparixxu", u li, min-naħa l-oħra, ir-reġjuni b'minoranza nazzjonali jbatu minn żvantaġġ demografika serju u permanenti, marbut mal-pożizzjoni minoritarja, fil-pjan nazzjonali, tal-popolazzjoni tagħhom, li jaffettwa l-iżvilupp ekonomiku tagħhom meta mqabbla maż-żoni tal-madwar.

80 Madankollu, kif ġustament tosserva l-Kummissjoni, l-argumenti tar-rikorrenti huwa bbażati, f'dan ir-rigward, fuq allegazzjonijiet li ma huma bl-ebda mod sostanzjati u lanqas, *a fortiori*, ippruvati.

81 Minn naħa, ir-rikorrenti ma rressqitx il-prova li l-implementazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni, kemm fl-Unjoni kif ukoll fl-Istati Membri, kienet thedded il-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni b'minoranza nazzjonali.

82 Skont l-Artikolu 2 TUE, l-Unjoni hija msejsa fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq appartenenza għal minoranza nazzjonali. Issa, l-Artikolu 6(1) TUE jipprovdi li l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li għandhom l-istess valur ġuridiku bħat-Trattati, u l-Artikolu 51(1) tal-imsemmija Karta jippreċiża li d-dispożizzjonijiet tagħha huma indirizzati lill-istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni fl-osservanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà biss meta huma jimplementaw id-dritt tal-Unjoni. Minn dan isegwi li, fl-eżerċizzju tal-kompetenza kondiviża tagħhom fil-qasam tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-Unjoni u l-Istati Membri ma għandhomx jiddiskriminaw kontra persuni u komunitajiet minħabba li jappartjenu għal minoranza nazzjonali.

83 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-proposta kontenzjuża ma kinitx intiża kontra diskriminazzjonijiet li kienu vittmi tagħhom il-persuni jew il-popolazzjonijiet impjantati f'reġjuni b'minoranza nazzjonali, minħabba l-appartenenza tagħhom għal tali minoranza, iżda sabiex jipprevjenu kwalunkwe diverġenza jew ritard fl-iżvilupp ekonomiku ta' reġjuni b'minoranza nazzjonali mqabbla mar-reġjuni tal-madwarhom, minħabba l-iżvantaġġ li jikkostitwixxu, għal tal-ewwel, il-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi speċifiċi. Fil-punt 5 tar-rikors, ir-rikorrenti

barra minn hekk huma stess ammettew li l-proposta kontenzjuża ma kellhiex bħala "suġġett" li "tostakola d-diskriminazzjonijiet", għalkemm dawn ma jeskludux li l-att propost jista' jkollu tali "konsegwenza".

84 B'hekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, la l-Artikolu 2 TUE, la l-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u lanqas xi dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni intiżi kontra d-diskriminazzjoni, b'mod partikolari dispożizzjonijiet ibbażati fuq l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, ma jistgħu jippermettu lill-Kummissjoni sabiex tipproponi, fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni, att ġuridiku tal-Unjoni li l-għan u l-kontenut tiegħu għandhom jikkorrispondu għal dawk tal-att propost.

85 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma wrietx li l-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi speċifiċi ta' reġjuni b'minoranza nazzjonali jistgħu jitqiesu bħala żvantaġġ demografiku gravi u permanenti, fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 174 TFUE.

86 F'dan ir-rigward, filwaqt li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 174 TFUE jikkonstata li r-reġjuni l-iktar fit-tramuntana b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna u r-reġjuni insulari, transkonfinali u dawk muntanjużi jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi li jikkorrispondi mal-insularità tagħhom, man-natura tagħhom transkonfinali, mat-terren tagħhom, mal-iżolament tagħhom, mad-densità tal-popolazzjoni baxxa jew baxxa ħafna tagħhom, ma jsemmix ir-reġjuni li l-karatteristiċi tagħhom etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi huma differenti minn dawk tar-reġjuni tal-madwar. L-Artikolu 121(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, p. 320), iċċitat mir-rikorrenti, ma jestendi bl-ebda mod, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 174 TFUE, peress li jirrigwarda biss żoni insulari, żoni muntanjużi, żoni ta' densità ta' popolazzjoni baxxa jew baxxa ħafna, u r-reġjuni ultraperiferiċi. Ukoll ma jistax jiġi dedott mill-Artikolu 121(4) li l-kunċett ta' "Żvantaġġi [...] demografiċi gravi u permanenti" fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 174 TFUE jista' jinkludi l-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi speċifiċi ta' reġjuni b'minoranza nazzjonali.

87 Anki jekk jitqies li l-imsemmija karatteristiċi jistgħu jiġu analizzati bħala data demografika speċifika tar-reġjuni kkonċernati, ma huwiex stabbilit li huma jikkostitwixxu sistematikament, għall-iżvilupp ekonomiku tal-imsemmija reġjuni, żvantaġġ meta mqabbla maż-żoni tal-madwar. Ċertament, kif josservaw ir-rikorrenti, id-differenzi, b'mod partikolari lingwistiċi, bejn dawn ir-reġjuni u reġjuni tal-madwar jistgħu jkunu l-oriġini ta' ċerti spejjeż addizzjonali tat-tranżazzjonijiet jew ta' ċerti diffikultajiet fl-impjieg. Madankollu, kif tosserva ġustament il-Kummissjoni, il-karatteristiċi speċifiċi ta' dawn ir-reġjuni jistgħu wkoll jagħtihom ċerti vantaġġi komparattivi, bħal ċerta attrazzjoni turistika jew il-multilingwiżmu.

88 Dwar l-atti tad-dritt tal-Unjoni li, bħall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tal-24 ta' Lulju 2003, bit-titolu "Il-Promozzjoni tat-Tagħlim tal-Lingwi u diversità lingwistika: Pjan ta' Azzjoni 2004-2006" [COM (2003) 449 finali], għandhom tendenza li jippromwovu lingwi reġjonali u minoritarji, dawn ma jitilqux mill-konstatazzjoni li l-imsemmija lingwi jikkostitwixxu żvantaġġ għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni fejn huma mitkellma, iżda minn dik li dawn il-lingwi huma involuti fid-diversità lingwistika tal-Unjoni u fil-multilingwiżmu, hu stess ipperċepit bħala vantaġġ.

89 Fl-assenza ta' kwalunkwe prova pprovduta mir-rikorrenti, ma hemm ebda raġuni sabiex wieħed jassumi li l-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi speċifiċi ta' reġjuni b'minoranza nazzjonali jfixklu b'mod sistematiku l-iżvilupp ekonomiku tagħhom meta mqabbla ma' reġjuni tal-madwar, hekk li dawn il-karatteristiċi jistgħu jkunu kklassifikati bħala "Żvantaġġi [...] demografiċi gravi u permanenti" fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 174 TFUE.

90 Għar-raġunijiet kollha preċedenti, hemm lok li jiġu miċħuda għal kollox l-ilmenti bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 4(2)(c) TFUE u tal-Artikolu 174 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament Nru 1059/2003, moqri fid-dawl tal-premessa 10 ta' dan l-istess regolament.

Fuq l-ilment ibbażat fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 167 KE.

91 Ir-rikorrenti, sostnuti mill-Ungerija, jikkonkludu li l-Kummissjoni vvizzjat id-deċiżjoni kkontestata bi żball ta' interpretazzjoni billi qieset li l-proposta kontenzjuża tinsab manifestament barra mill-kuntest tal-kompetenzi tagħhom li jippermettulha tippreżenta proposta ta' att ġuridiku tal-Unjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-politika kulturali intiża fl-Artikolu 167 TFUE.

92 Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Rumanija u mir-Repubblika Slovakka, titlob li dan il-preżenti lment jiġi miċħud.

93 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, wara li ddefinixxiet il-kontenut tal-att propost kif indikat fil-punt 52 iktar 'il fuq, osservat kif ġej:

"L[‘] Artikolu [...] 167 [...] TFUE ma jistax iżjed jikkostitwixxi bażi [...] legali [...] għal-leġiżlazzjoni proposta sal-punt li [din il-leġiżlazzjoni] ma jikkontribwixxix għal xi wieħed mill-għanijiet tal-politika stipulati f'din id-dispożizzjoni [...]"

94 Dan l-ilment iqajjem il-kwistjoni dwar jekk, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-iskop u tal-kontenut tiegħu, l-att propost kellux jikkontribwixxi għal wieħed mill-għanijiet tal-politika kulturali tal-Unjoni, imsemmija fl-Artikolu 167 TFUE.

95 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 3(3) tat-Trattat UE, l-Unjoni għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha u għandha tiżgura li jitħares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew.

96 L-Artikolu 6(ċ) TFUE jiċċita l-kultura fost l-oqsma fejn l-Unjoni għandha kompetenza li tieħu azzjonijiet sabiex tappoġġja, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri. Kif jirriżulta wkoll mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(5) TFUE din il-kompetenza tal-Unjoni ma tissostitwixxix il-kompetenza tal-Istati Membri u hija sussidjarja għal din tal-aħħar.

97 L-Artikolu 167 TFUE jipprovdi:

"1. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi ta' l-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt tirriżalta il-wirt kulturali komuni.

2. L-azzjoni ta' l-Unjoni għandha jkollha il-mira li tinkoraġġixxi l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk jinħtieġ, tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tagħhom fl-oqsma li ġejjin:

— it-titjib ta' l-għarfien u t-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej;

— il-konservazzjoni u s-salvagwardja tal-patrimonju kulturali ta' importanza Ewropea;

— skambji kulturali li mhumiex ta' natura kummerċjali,

— il-kreazzjoni artistika u letterarja, inklużi dawk fis-settur awdjo-viżiv.

3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkultivaw il-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma'l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-kultura, partikolarment il-Kunsill ta' l-Ewropa.

4. L-Unjoni għandha tagħti każ ta' l-aspetti kulturali fl-azzjonijiet tagħha taħt dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati, partikolarment sabiex tirrispetta u tippromwovi id-diversità tal-kulturi tagħha.

5. Sabiex jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet indikati f'dan l-Artikolu:

— il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jadottaw miżuri ta' inċentiv, eskluża l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri;

— il-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjonijiet fuq proposta mill-Kummissjoni."

98 Mill-Artikolu 167 TFUE u, b'mod iktar preċiż mil-paragrafi 2 u 5 ta' dan l-istess artikolu jirriżulta li, bħala parti mill-politika kulturali tal-Unjoni u sabiex tikkontribwixxi għat-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom, u fl-istess waqt tirriżalta l-wirt kulturali komuni, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jkollu d-dritt li jadotta miżuri ta' inkoraġġiment, eskluża l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Istati Membri, jew rakkomandazzjonijiet li jsegwu għanijiet preċiżi, jiġifieri, l-ewwel nett, it-titjib fit-tagħrif u fit-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej, it-tieni nett, il-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-wirt kulturali Ewropew sinjifikattiv, it-tielet nett, l-iskambji kulturali mhux kummerċjali, u r-raba' nett, il-kreazzjoni artistika u letterarja, inklużi dawk fis-settur awdjoviżiv.

99 Għaldaqstant huwa ġustament li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li "l-leġiżlazzjoni proposta [...] ma tikkontribwixxi għall-ebda wieħed mill-għanijiet tal-[politika kulturali tal-Unjoni, imsemmija fl Artikolu 167 TFUE]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

100 Fil-fatt, mill-proposta kontenzjuża jirriżulta, kif deskritt fil-punti 3 u 5 sa 8 iktar 'il fuq, li l-att propost kellu essenzjalment jippermetti, fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni, ċerti garanziji sabiex il-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi speċifiċi tar-reġjuni b'minoranza nazzjonali ikunu jistgħu jinżammu. Dawn il-garanziji kellhom essenzjalment jikkonsistu f'li jkun offrut lir-reġjuni b'minoranza nazzjonali aċċess għall-fondi, għar-riżorsi u għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni, sabiex jipprevjenu kwalunkwe diverġenza jew ritard fl-iżvilupp ekonomiku ta' dawn ir-reġjuni meta mqabbla mar-reġjuni tal-madwar, jew jirrikonoxxu lir-reġjuni b'minoranza nazzjonali status ta' awtonomija, konformement mar-rieda espressa tal-popli tagħhom (permezz ta' referendum), mingħajr ma titqies is-sitwazzjoni politika, amministrattiva u istituzzjonali prevalenti fl-Istati Membri kkonċernati.

101 Issa, l-Artikolu 167 TFUE ma jistax ikun il-bażi għall-adozzjoni ta' att ġuridiku tal-Unjoni li jsegwi tali skop u li għandu tali kontenut. Fil-fatt, iż-żamma, permezz tal-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi tagħhom, ta' reġjuni b'minoranza nazzjonali, jew l-għarfien ta' status ta' awtonomija ta' tali reġjuni, sabiex tiġi implementata l-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni, hija għan li, minn naħa, imur ferm lil hinn mis-sempliċi kontribuzzjoni għall-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li jirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom, jew tas sempliċi enfasi tal-wirt kulturali komuni u li, min-naħa l-oħra, ma huwiex marbut ma' wieħed mill-għanijiet imsemmija preċiżament fl-Artikolu 167(2) TFUE. Fil-punt 5 tar-rikors, ir-rikorrenti barra minn hekk huma stess ammettew li l-proposta kontenzjuża ma kellhiex bħala "suġġett" li "tipproteġi kola d-diversità kulturali", għalkemm dawn ma teskludix li l-att propost jista' jkollu tali "konsegwenza".

102 B'hekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, la l-Artikolu 3(3) TUE, la l-Artikolu 167(1) TFUE u lanqas l-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma jippermettux, f'dan il-każ, lill-Kummissjoni li tipproponi, fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni, att ġuridiku li jipproteġi d-diversità kulturali irrappreżentata mill-minoranzi nazzjonali, liema att, barra minn hekk, ma jistax jikkorrispondi għas-suġġett u għall-kontenut tal-att propost.

103 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi rrilevat li l-adozzjoni tal-att propost, li neċessarjament jimplika li jiġi ddefinit il-kunċett ta' "reġjun b'minoranza nazzjonali" għall-finijiet tal-implementazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni, ma tikkorrispondix għal ebda waħda mill-modalitajiet ta' azzjoni previsti fl-Artikolu 167(2) TFUE sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet tal-politika kulturali tal-Unjoni, jiġifieri l-adozzjoni ta' azzjonijiet ta' inċentiv, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri, jew l-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet.

104 Għar-raġunijiet kollha preċedenti, hemm lok li l-ilment ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 167 KE jiġi miċħud.

Fuq il-motiv ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 19(1) TFUE

105 Ir-rikorrenti, sostnuti mill-Ungerija, jikkonkludu li l-Kummissjoni vvizzjat id-deċiżjoni kkontestata bi żball ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 19(1) TFUE billi qieset li ebda dispożizzjoni tat-Trattati ma kienet tikkostitwixxi bażi legali għal kwalunkwe azzjoni tal-istituzzjonijiet kontra d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-appartenenza għal minoranza nazzjonali.

106 Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Rumanija u mir-Repubblika Slovakka, titlob li dan l-ilment jiġi miċħud.

107 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, wara li ddefinixxiet il-kontenut tal-att propost kif indikat fil-punt 52 iktar 'il fuq u wara li indikat, li l-eżami tagħha ser jirrigwarda "id-dispożizzjonijiet tat-Trattati […] issuġġer [iti] u […] kull bażi legali oħra possibbli", osservat kif ġej:

"Bħala konklużjoni, [] ma hemm l-ebda bażi legali fit-Trattati, li tippermetti li tiġi ppreżentata proposta ta' att ġuridiku li għandu l-kontenut tiegħu maħsub [mill-organizzaturi tal-proposta kontenzjuża]." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

108 Ir-rikorrenti jimputaw, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 19(1)TFUE, li setgħet isservi bħala bażi legali għall-att propost.

109 Dan l-ilment iqajjem il-kwistjoni dwar jekk, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-iskop u tal-kontenut tiegħu, l-att propost setax jiġi adottat abbażi tal-Artikolu 19(1) TFUE.

110 L-Artikolu 19 TFUE jipprovdi:

"1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattati u fil-limiti tal-poteri mogħtija minnu lill-Unjoni, il-Kunsill, li jaġixxi unanimament skond il-proċedura leġislattiva speċjali u bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jista' jieħu l-azzjoni xierqa sabiex jiġġieled id-diskriminazzjoni li tkun ibbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-disabbiltà, l-età jew it-tendenzi sesswali.

2. B'deroga għall-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja, jistgħu jadottaw il-prinċipji bażiċi għal miżuri ta' inċentiva ta; l-Unjoni, b'esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri, bl-għan li jappoġġja azzjoni ta' l-Istati Membri meħuda sabiex jikkontribwixxu sabiex jinkisbu l-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1."

111 Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattati u fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija minnhom lill-Unjoni, l-Artikolu 19(1)TFUE jawtorizza lill-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jadotta l-miżuri xierqa sabiex jiġġieled id-diskriminazzjoni li tkun ibbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew it-tendenzi sesswali.

112 F'dan il-każ, għalkemm ma hemmx bżonn li wieħed jistaqsi dwar jekk il-kunċett ta' "diskriminazzjoni", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jinkludix jew le kull diskriminazzjoni bbażata fuq l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, hemm lok li jitfakkar li, kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 83 iktar 'il fuq, il-proposta kontenzjuża ma kinitx intiża kontra diskriminazzjonijiet li kienu vittmi tagħhom il-persuni jew il-popolazzjonijiet impjantati f'reġjuni b'minoranza nazzjonali, minħabba l-appartenenza tagħhom għal tali minoranza, iżda sabiex tipprevjeni kwalunkwe diverġenza jew ritard fl-iżvilupp ekonomiku ta' reġjuni b'minoranza nazzjonali mqabbla mar-reġjuni tal-madwar, minħabba l-iżvantaġġ li jikkostitwixxu, għal tal-ewwel, il-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi speċifiċi.

113 Għaldaqstant, kif irrikonoxxiet ġustament il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, l-Artikolu 19(1) TFUE ma setax jikkostitwixxi bażi legali xierqa sabiex tipproponi att ġuridiku tal-Unjoni li jsegwi l-għan u li jkollhom il-kontenut ta' dik deskritta fil-proposta kontenzjuża.

114 Għar-raġunijiet kollha preċedenti, hemm lok li l-ilment ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 19(1) KE jiġi miċħud.

Fuq l-ilmenti bbażati fuq użu ħażin ta' poter u fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba

115 Ir-rikorrenti, sostnuti mill-Ungerija, jikkonkludu li l-Kummissjoni wettqet użu ħażin ta' poter sa fejn hija rrifjutat li tirreġistra l-proposta kontenzjuża mhux għall-motiv, stabbilit fid-deċiżjoni kkontestata konformement mal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011, li hija ma tinsabx manifestament barra mill-kuntest tal-attribuzzjonijiet tagħha, iżda, kif jirriżulta mill-atti bil-miktub tagħha f'din il-proċedura, peress li ma kienx jidhrilha xieraq, fl-istat tad-dritt tal-Unjoni, li teżerċita l-attribuzzjonijiet tagħha fis-sens li huma xtaqu, li ma kienx previst fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011.

116 Barra minn hekk, huma jikkonkludu li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, peress li hija, f'dan il-każ, kienet iggwidata mill-intenzjoni li tiskoraġġixxi l-inizjattivi taċ-ċittadini, anki meta huma jissodisfaw, bħal f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011, billi tuża mezzi skorretti, bħat-teħid inkunsiderazzjoni ta' informazzjoni mhux inkluża fl Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament Nru 211/2011.

117 Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Rumanija u mir-Repubblika Slovakka, titlob li dawn l-ilmenti jiġi miċħuda.

118 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq użu ħażin ta' poter, hemm lok li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' użu ħażin ta' poter għandu portata preċiża fid-dritt tal-Unjoni u jipprevedi s-sitwazzjoni fejn awtorità amministrattiva tuża l-poteri tagħha għal għan li ma jkunx dak li għalih ingħatawlha l-poteri. Deċiżjoni tkun ivvizzjata minn użu ħażin ta' poter biss jekk jidher, abbażi ta' indikazzjonijiet oġġettivi, rilevanti u konkordanti, li din tkun ingħatat għal għanijiet li ma humiex dawk iddikjarati (ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2008, Bayer CropScience *et* vs Il-Kummissjoni, T-75/06, Ġabra, EU:T:2008:317, punt 254 u l-ġurisprudenza ċċitata).

119 F'dan il-każ, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' użu ħażin ta' poter, ir-rikorrenti jibbażaw fuq ċerti argumenti ta' difiża ppreżentati mill-Kummissjoni, li minnhom jirriżulta li din tal-aħħar ma tqisx opportun, fl-istat tad-dritt tal-Unjoni, li teżerċita l-attribuzzjonijiet tagħha fis-sens mixtieq mir-rikorrenti.

120 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi osservat li d-deċiżjoni kkontestata għandha motivazzjoni suffiċjenti, li skontha l-proposta kontenzjuża ma tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011, peress li hija tinsab manifestament barra mill-qafas tal-attribuzzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni li tressaq proposta għal att ġuridiku tal-Unjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati. Fil-punti 10 u 11 tar-risposta tagħha, il-Kummissjoni fakkret l-imsemmija motivazzjoni u indikat li li hija "[kienet] żammet il-perspettiva tagħha" għar-raġunijiet li hija ddettaljat, insegwitu, fir-risposta, fir-rigward tal-argumenti żviluppati fir-rikors. Bl-istess mod, fil-punti 2 u 97 tal-kontroreplika, il-Kummissjoni indikat li hija "[kienet] żammet kompletament ir-raġunament u l-konklużjonijiet [...] spjegati fir-risposta tagħha" u li hija "[kienet ] ċaħdet b'mod fondat u konformi mad-dritt it-talba għal reġistrazzjoni tal-[proposta kontenzjuża] abbażi tal-punt (b) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament [...] Nru 211/2011". Minn kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fl-atti tagħha, il-Kummissjoni ddefendiet il-fondatezza tal-motivi mogħtija fid-deċiżjoni kkontestata, li ma ġietx ikkontestata mill-eżami ta' dan ir-rikors.

121 F'dan il-kuntest, is-sentenzi enfasizzati mir-rikorrenti, jiġifieri l-punt 17 tar-risposta, li skontha "il-politika tal-Unjoni ma tistax issir l-istrument tal-politika kontra l-minoranzi", u l-punt 58 tar-risposta, li skontha "il-Kummissjoni taħseb li l-ispeċifiċitajiet tal-minoranzi nazzjonali jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod xieraq fl-istabbiliment tan-[...] NUTS fl-iskala tal-Istati Membri" ma jistgħux jitqiesu bħala elementi li jistabbilixxu li d-deċiżjoni kkontestata kienet ibbażata, fil-prattika, fuq raġunijiet oħra minbarra dawk formalment iddikjarati fihom, li l-fondatezza tagħhom ma setgħetx tiġi kkontestata waqt l-eżami ta' dan ir-rikors, u bħala prova ta' użu ħażin, mill-Kummissjoni, tas-setgħat mogħtija lilha bl-Artikolu 4(2)( b) tar-Regolament Nru 211/2011.

122 Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma ressqux, f'dan il-każ, indizji oġġettivi, rilevanti u konkordanti li jippermettu li jiġi konkluż li d-deċiżjoni kkontestata ġiet meħuda għal finijiet differenti minn dawk iddikjarati, jiġifieri peress li l-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011 ma kinux issodisfatti, peress li l-proposta kontenzjuża ma hijiex manifestament barra mill-qafas tal-attribuzzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni li tressaq proposta għal att ġuridiku tal-Unjoni għall-għanijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati.

123 Hemm għalhekk li jiġi miċħud, bħala infondat, l-ilment ibbażat fuq użu ħażin ta' poter imwettaq mill-Kummissjoni.

124 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, hemm lok li jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, "kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni ". Barra minn hekk, mill-premessa 10 tar-Regolament Nru 211/2011 jirriżulta li l-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba jimplika, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni tirreġistra l-proposti kollha ta' inizjattivi taċ-ċittadini li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'dan ir-regolament, u dan fit-terminu previst fl-Artikolu 4(2) tal-imsemmi regolament, jiġifieri fi żmien xahrejn mill-wasla tal-informazzjoni deskritta fl-Anness II.

125 F'dan il-każ, kuntrarjament għal dak li r-rikorrenti jsostnu, peress li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011 ma ġewx issodisfatti, kif jirriżulta mill-eżami tal-ilmenti bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata, mill-Kummissjoni, tal-artikoli tat-Trattati, hekk li l-imsemmija istituzzjoni kellha dritt li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tal-proposta kontenzjuża, konformement mal-Artikolu 4(3) ta' dan l-istess regolament.

126 Konsegwentement, il-Kummissjoni setgħet tadotta d-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tikser il-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba.

127 Għaldaqstant hemm lok li jiġi miċħud ukoll, bħala infondat, l-ilment ibbażat fuq ksur ta' dan il-prinċipju.

128 Peress li l-ilmenti kollha mqajma mir-rikorrenti insostenn tal-motiv uniku tagħhom ibbażat, essenzjalment, fuq il-ksur tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011 b'hekk huma miċħuda, għandu jiġi miċħud l-imsemmi motiv, u, konsegwentement, dan ir-rikors fl-intier tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

129 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, huma għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi eżaminat f'dan ir-rigward, il-preġudizzju li r-rikorrenti ħolqu għall-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji, b'mod partikolari għall-prinċipji ta' ugwaljanza tal-mezzi u tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2010, l-Isvezja *et* vs API u l-Kummissjoni, C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P, Ġabra, EU: C:2010:541, punti 85 u 93), billi tippubblika, fuq is-sit internet tal-proposta kontenzjuża, ir-risposta tal-Kummissjoni (punt 22 iktar 'il fuq).

130 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri li intervjenew fit-tilwima għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu applikati għall-Ungerija, għar-Repubblika Ellenika, għar-Rumanija u għar-Repubblika Slovakka.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Balázs-Árpád Izsák u Attila Dabis għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.**

3) **L-Ungerija, ir-Repubblika Ellenika, ir-Rumanija u r-Repubblika Slovakka għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.**

Kanninen Pelikánová Buttigieg

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-10 ta' Mejju 2015.

Firem

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża ..... 2

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet ..... 4

Id-dritt ..... 5

Fuq l-ammissibbiltà ta' ċerti lmenti ..... 5

Fuq il-mertu ..... 7

Fuq l-ilment ibbażat fuq teħid inkunsiderazzjoni ta' informazzjoni mhux imsemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament Nru 211/2011 ..... 7

Osservazzjonijiet preliminari fuq l-ilmenti l-oħra mqajma mir-rikorrenti ..... 10

Fuq l-ilmenti bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 4(2)ċ c) TFUE u tal-Artikolu 174 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament Nru 1059/2003, moqri fid-dawl tal-premessa 10 ta' dan l-istess regolament ..... 10

Fuq l-ilment ibbażat fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 167 KE. ..... 16

Fuq il-motiv ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 19(1) TFUE ..... 18

Fuq l-ilmenti bbażati fuq użu ħażin ta' poter u fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba ..... 19

Fuq l-ispejjeż ..... 21